MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 633/2008

**Sylvana Tanti**

**vs**

**Noel Tanti, Antoine Tanti u Maria Perrett**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors guramentat ta' Sylvana Tanti li permezz tieghu ppremettiet:**

1. Illi pendenti bejn l-esponenti u l-konvenut Noel Tanti hemm kawza ta' separazzjoni personali bl-ismijiet Sylvana Tanti vs Noel Tanti (Citaz. Nru. 1/05 NC) ;

2. Illi permezz ta’ skrittura privata datata 8 ta’ Frar 2001 l-attrici u l-konvenut zewgha Noel Tanti kienu akkwistaw b’titolu ta’ kera minghand il-konvenuta Maria Perrett il-fond 65, St Georges’s Road, San Giljan (Dok A) ;

3. Illi wara li bdew il-proceduri ta’ separazzjoni l-konvenut Noel Tanti in mala fede u bi frodi permess ta’ skrittura privata tal- 14 ta’ April 2005 ittermina permezz ta’ skrittura privata il-lokazzjoni tal-fond 65, St George’s Road, San Giljan liema fond huwa proprjeta’ tal-konvenuta l-ohra Maria Perrett (Dok B) ;

4. Illi permess ta’ skrittura privata ohra datata ukoll 14 ta’ April 2005 l-konvenuta Maria Perrett ikkoncediet b’titolu ta’ kera u favur tal-konvenut l-iehor Antoine Tanti l-business premises 65, St George’s Road, San Giljan (Dok C) ;

5. Illi l-konvenut Noel Tanti u l-konvenut l-iehor Antoine Tanti huma ahwa ;

6. Illi l-attrici qatt ma tat ebda awtorizzazzjoni lill-konvenut Noel Tanti sabiex jittrasferixxi assi tal-komunjoni tal-akkwisti u lanqas ma giet infurmata minghand il-konvenut Noel Tanti li huwa effettwa dan it-trasferiment ;

7. Illi l-attrici qed taghmel it-talba taghha a bazi tal-artikolu 1326 *et sequitur* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :**

1. Tiddikjara li l-konvenuti Noel Tanti, Antoine tanti u Maria Perrett, jew min minnhom, agixxew in mala fede u bi frodi meta l-kirja tal-fond 65, St George’s Street, San Giljan stabilita permess ta’ skrittura privata tal-8 ta’ Frar 2001 giet terminata u dan anki a bazi tal-artikolu 1326 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ; u konsegwentement

2. Tiddikjara nulla l-iskrittura privata datat 14 ta’ April 2005 bejn il-konvenut Noel Tanti u l-konvenuta Maria Perrett u l-iskrittura privata l-ohra datata wkoll 14 ta’ April

2005 bejn il-konvenut Antoine Tanti u l-konvenuta Maria Perrett, u fin-nuqqas
3. Tiddikjara lil konvenuti jew minn minnhom, responsabbli gad-danni sofferti mill-esponenti u tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti permess ta’ esperti nominati minn dina l-Onorabbli Qorti u konsegwentement tordna lil konvenuti jew minn minnhom jaghmel tajjeb ghad-danni li ggarbet l-attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti kollha li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti Noel Tanti , Antoine Tanti u Maria Perrett a fol. 11 :**

1. Illi din il- Qorti hija nkompetenti stante li kif jinghad fl-istess rikors guramentat din suppost hija azzjoni skond l-artikolu 1326 et seq tal-Kodici Civili, u kompetenti hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal- Familja)
.
2. Fit-tieni lok, l-azzjoni mhix moghtija f’dan il-kaz, ghaliex dak li ghamel Noel Tanti ma jaqax taht xi wahda mid-dispozizzjonijiet fejn kien jehtieg il-kunsens tal-mara.

3. Illi l-azzjoni hija fuori termine, ghax Sylvana Tanti ilha li taf li Noel Tanti kien irrinunzja ghall-kirja.

4. Illi l-azzjoni hawn intentata ma treggix kontra Antoine Tanti u Maria Perrett, stante li l-azzjoni taht l-artiklu 1326 et seq tal-Kodici Civili hija moghtija bejn il-mizzewgin u mhux ukoll kontra terzi.

5. Illi l-kuntratt li hemm bejn Antoine Tanti u Maria Perrett huwa res inter alios acta u ghalhekk ma jappartjenix la lil Sylvana Tanti u lanqas lil Noel Tanti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari;

**Talba u kontestazzjoni**

Illi f'dina l-kawza ir-rikorrenti qed titlob li dina l-Qorti tiddikjara nulla l-iskrittura privata datata 14 ta' April 2005 bejn il-konvenut Noel Tanti u l-konvenuta Maria Perrett u l-iskrittura privata l-ohra datata wkoll 14 ta' April 2005 bejn il-konvenut Antoine Tanti u l-konvenuta Maria Perrett u konsegwenti hlas ta' danni.

L-intimati eccepew preliminarjament li dina l-Qorti mhiex kompetenti billi kif jinghad fl-istess rikors guramentat din suppost hija azzjoni skond l-artikolu 1326 et seq tal-Kodici Civili, u ghalhekk hija kompetenti l-Qorti Civili (Sezzjoni tal- Familja).

**Konsiderazzjonijiet**

Illi skond l-Avviz Legali 9/2004, regolamenti li jemendaw ir-regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali) u Qorti tal-Magistati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja), fl-iskeda, fl-artikolu 4. hemm ipprovvdut illi lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili li ghandhom x'jaqsmu ma:

Titoli 1,11 u IV ta' l-ewwel ktieb tal-Kodici Civili;
L-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Degrieti u Manteniment;
L-att dwar l-esekuzzjoni reciproka ta' ordnijiet ta' Manteniment;
L-att dwar iz-Zwieg u
L-att dwar is-sekwestru u l-kustodja ta' minuri.

Imbaghad skond l-artikolu 6 lill Prim Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

Fil-kaz in ezami l-kawza qed issir biex jigi annullati zewg skritturi li saru bejn l-intimati. F'kaz ta' talba ghal-

recissjoni ta' kuntratt jew skrittura, l-kompetenza hija tal-Prim Awla u mhux tal-Qorti tal-Familja. Inoltre t-talba tar-rikorrenti ma gietx intavolat biss kontra zewgha imma anke kontra terzi u hemm talba ghad-dikjazzjoni ta' nullita' taz-zewg skritturi. It-talba kontra Antoine Tanti u Maria Perrett zgur mhux ta' kompetenza tal-Qorti tal-familija.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-talba tar-rikorrenti ma taqax taht dak li hemm provvdut fl-artikolu 4 tal-A.L. 9/ 2004 fuq imsemmi, konsegwentement dina l-Qorti hi kompetenti u l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;
U tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-16 ta' Marzu, 2009, fl-10.15;
Spejjez ghall-intimati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------